TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 222

KAZ NRU 361

Fit-tilwima tax-xoghol

bejn

Messrs N Camilleri Battery Mfg Co Ltd

u

t-Taqsima tal-Metall tal-General Workers' Union

dwar passi dixxiplinarji mehuda mill-kumpanija kontra Mario Micallef u Lawrence Mazzelli

Data: 8 ta' Mejju, 1985

CHAIRMAN: Mr Tonio Portughese BA(Hons), MA.
MEMBRI: Mr Paul Camenzuli BA(Gen), BA(Hons), MA, MRINA.
Mr Anthony E Guillaumier

It-tilwima tax-xoghol fuq imsemmija tressqet quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra bid-data 5 ta' Frar, 1985, mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali, is-Sur Freddie Micallef. Dan sar fuq talba tal-kumpanija N Camilleri Mfg Co Ltd u skond it-Taqsima III ta' l-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali. Il-Kumpanija qablet li timxi skond ix-xewqa mfissra mill-istess Onorevoli Ministru fit-tentattivi tieghu ta' konciljazzjoni, biex il-kazi dixxiplinarji dwar id-decizjoni taghha li ttemm l-impieg tas-Sinjuri Lawrence Mazzelli u Mario Micallef, jitressqu minnufih quddiem it-Tribunal Industrijali. Sakemm it-Tribunal seta' jasal ghad-decizjoni tieghu, iz-zewg haddiema baqghu jidhlu ghax-xoghol u jithallsu xorta wahda skond kif insistiet il-Union.

It-Tribunal Industrijali ltaqa' hames darbiet f'seduti fil-pubbliku u zamm ghadd ta' laqghat riservati biex analizza l-izviluppi kollha tat-tilwima.

.../2

2. OBJETTIVI U FUNZJONIJIET

Dan it-Tribunal issejjah biex jikkunsidra u jezamina tilwima industrijali b'konnotazzjonijiet varji u mhux limitata semplicement ghal passi dixxiplinarji. L-ewwel objettiv kien li jigi delineat kwadru realistiku tas-sitwazzjoni prevalenti fl-azjenda Nazac, ta' l-atteggjamenti industrijali assunti mill-Kumpanija u mill-Union, ta' l-limitazzjonijiet socjali, tal-prospetti generali li din l-intrapriza qed tiffaccja. Id-definizzjoni ta' dawn l-objettivi giet ikkundizzjonata decizament mill-htiega essenzjali ta' funzjonijiet fuq skala aktar wiesa' dwar valutazzjonijiet fuq is-sitwazzjoni ta' relazzjonijiet verament negattivi u hziena mibnija fuq konflittwalita' esagerata bil-konkors taz-zewg nahat.

3. IL-PARTIJIET

Ghall-Kumpanija deher is-Sur Carmel I Farrugia flimkien mas-Sur Peter Camilleri, Direttur.

F'isem il-Union dehru s-Sur C S Consiglio, Segretarju Generali (Agguntiv) u s-Sur H Walls, Segretarju tat-Taqsima tal-Metall.

4. XHIEDA U DOKUMENTI

It-Tribunal sema' ghadd ta' xhieda mressqa miz-zewg nahat; analizza dettaljament sensiela twila ta' dokumenti u korrispondenza. Fost ix-xhieda li l-aktar ikkontribwiet ghall-finalizzazzjoni tal-kaz, kien hemm dik tad-Direttur tax-Xoghol, is-Sur L Cilia Debono, li wriet l-istat ta' konflittwalita' anormali ezistenti bejn iz-zewg nahat. Xehdu wkoll is-sinjuri C S Consiglio u C I Farrugia, li taw taghrif dwar l-isforzi li saru biex tinstab soluzzjoni ta' kompromess dwar it-tkeccija taz-zewg impjegati u biex jibdew relazzjonijiet godda. Instemghu wkoll l-istess zewg haddiema Mazzelli u Micallef, flimkien mas-Sur Peter Camilleri, Direttur, u kif wkoll ghadd ta' impjegati ohra li tefghu dawl fuq il-grajjiet kollha. Din ix-xhieda kumplessiva tat kontribut rilevanti biex it-Tribunal jifhem l-istat awtentiku tal-azjenda u tqieghed f'posizzjoni tajba halli jivvaluta u jelabora soluzzjoni.

.../3

5. STATEMENTS OF CASE U SOTTOMISSJONIJIET FINALI WARA S-SMIEGH TAX-XHIEDA

In-Nazac Mfg Ltd issottomettiet li Lawrence Mazzelli kellu sensiela twila ta' warnings fuq assenteizmu esagerat u ittardjar, li wasslu wkoll biex jinghata twissijiet finali. Sa minn Novembru, 1982 inhasset il-htiega li jinghata twissija, u f'Dicembru 1983 il-Kumpanija kellha tibda taghtih sensiela ta' twissijiet. F'April 1984 sar intervent mid-Direttur tax-Xoghol dwar decizjoni tal-Kumpanija li tkecci lil Mazzelli, u l-istess Direttur ammetta li Mazzelli kien jisthoqqlu li jitkecca izda ghamel sejha biex jinghata cans iehor. Il-Kumpanija laqghet din it-talba. F'Lulju dan l-impjegat rega kellu ttardjar u assenza mhix gustifikata. Id-Direttur tax-Xoghol gie kkonsultat biex jekk jippreferixxi, lil Mazzelli jqisu wiehed mill-ghaxra li kienu qed jigu diskussi bhala 'redundant' halli dawn almenu jonqsu ghal disgha. Ghal darb'ohra l-Kumpanija regghet accettat li taghtih cans iehor u fuq talba ta' l-istess Union, hu gie sospiz bla paga ghal gimgha bi twissija finalissima. Minkejja dan, Mazzelli rega bil-kantaliena ta' assenza bla gustifikazzjoni u ttardjar. Il-Kumpanija sabet ruhha fi kwistjoni qawwija mal-Union dwar redundancies li kienet wasslet ghal "sit-in" fil-fabbrika, izda baqghet tieghu pacenzja sakemm f'Jannar, 1985 Mazzelli, bla ma kellu x'jaqsam xejn, beda jindahal fi kwistjoni li nqalghet ma haddiem iehor (Mario Micallef) li kien irrifjuta li jaghmel xoghol li tqabbad jaghmel. Mazzelli fost affarijiet ohra, ghajjar lid-Direttur tal-Kumpanija Peter Camilleri li beza' jhallihom icemplu lill-Union; hebb ghalih meta dan ordnalu jmur f'postu u ma jindahalx fejn m'ghandux x'jaqsam u sahansitra spicca biex beda jaghti b'idejh fuq Peter Camilleri. Il-Union bdiet thedded b'azzjonijiet industrijali jekk Mazzelli ma jithalliex jidhol ghax-xoghol. Saru ghadd ta' laqghat fil-Ministeru tax-Xoghol biex imbaghad kontra kull procedura normali, il-Kumpanija kellha tressaq il-kaz hi stess quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Kumpanija talbet li tinghata ragun ghad-decizjoni taghha tal-15 ta' Jannar, 1985 u li ghalhekk, il-paga mhallsa minn dak in-nhar ghandha tigi rifonduta lilha, aktar u aktar meta matul dan il-perijodu kollu li fih Mazzelli thalla jidhol fl-azjenda, huwa ma nghata ebda xoghol.

Dwar Mario Micallef, il-Kumpanija ssottomettiet li fil-15 ta' Jannar, 1985 huwa tqabbad ixarrab (jimla) il-batteriji li kien xoghol normali, izda rrifjuta u sostna li dan ix-xoghol seta' jaghmlu haddiehor. Id-Direttur Peter Camilleri wissieh hafna drabi biex jaghmel dan ix-xoghol, inkella jkeccieh. Il-Union bdiet thedded azzjonijiet industrijali jekk Micallef ma jithalliex jidhol lura. Bis-sahha ta' l-intervent ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, il-Kumpanija qablet mal-parir tieghu li tressaq il-kaz hi quddiem it-Tribunal Industrijali. L-istess bhalma talbet ghall Mazzelli, il-Kumpanija ghamlet l-istess haga dwar Micallef u talbet li tigi rifonduta l-paga li hallsitu sakemm thalla fl-azjenda minghajr ma jahdem.

F'isem il-Union gie sottomess li z-zewg haddiema ghandhom jitqiesu li baqghu validament fl-impieg. Il-kaz tal-15 ta' Jannar, 1985 mhuwiex kif gie mpingi mill-Kumpanija, anzi Mazzelli gie attakkat fizikament minn Peter Camilleri wara li pprova jghin fil-kwistjoni. It-Tribunal intalab iqis dan il-kaz bhala tilwima industrijali serja li suppost wasslet qabel ghal azzjoni industrijali izda giet sospiza bil-ghan li r-relazzjonijiet generali hziena kollha jigu trattati fuq il-bazi ta' trade dispute. It-tkeccija taz-zewg haddiema waslet quddiem it-Tribunal ghax il-Union uriet li l-Kumpanija kabbret dan il-kaz f'mument meta qed tghid li trid tnaqqas in-nies fuq redundancies.

Is-sottomissjonijiet finali taz-zewg nahat ikkonfermaw fuq naha t-tezi li l-Kumpanija hadet pacenzja eccezzjonali u kienet flessibbli kemm maz-zewg impjegati stess kemm quddiem l-atteggjament iebes u arroganti tal-Union; waqt li n-naha tal-Union ibbazat il-konkluzjonijiet taghha fuq in-nuqqas ta' xhieda li jippruvaw li Mazzelli hebb ghal Camilleri u li Micallef kellu dahru jugghu u ghalhekk ix-xoghol seta' jsir minn haddiehor li ma kellu xejn x'jaghmel.

6. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Din it-tilwima tax-xoghol hija kkaratterizzata minn aspetti anormali u eccezzjonali ta' konflittwalita'. Ghalhekk ir-realta' ta' l-istat industrijali, morali u socjali taghha tizvolgi f'tilwima b'konnotazzjonijiet ta' konflitt frontali u bla raguni.

.../5

Fuq kollox, il-karatteristici, l-istil u l-atteggjamenti matul it-tilwima ghandhom jitqiesu bhala barra minn zmienhom.

Dwar ix-xhieda li nstemghet, it-Tribunal jistabbilixxi li kellha presupposti minn qabel fejn trid tasal, u ghalhekk ikkonfermat il-verzjonijiet opposti u fl-istess waqt holqot hafna shab griz fl-atmosfera globali.

Meta wiehed jikkunsidra li fir-relazzjonijiet bejn il-Kumpanija u l-Union ma jezistu la Ftehim Kollettiv u lanqas procedura effettiva ta' dixxiplina u lmenti, jifhem malajr li dak li sar barra mil-limiti miz-zewg nahat, huwa r-rizultat ta' stat negattiv u ta' deterjorament li flok jikkontribwixxi halli ssehh il-kooperazzjoni indispensabbli bejn il-partijiet socjali fl-azjenda bl-objettiv li tkun ekonomikament vijabbli anki bil-konkors motivat u leali ta' l-impjegati taghha, johloq u jaggrava sitwazzjoni li aktar ma jghaddi z-zmien aktar issir esplussiva b'riperkussjonijiet serji lill-istess Kumpanija u lill-haddiema taghha.

Fil-fatt is-sitwazzjoni generali mhijiex wahda li tqawwi l-qlub, anzi t-Tribunal Industrijali silet preokkupazzjonijiet gustifikati dwar il-gejjieni immedjat.

Il-politika socjali u industrijali tal-lum ma tistghax tit-tollera u thalli li jigu generati konflitti bla bzonn fil-qasam tax-xoghol ghax dan ikun ta' detriment aktar u aktar ghall-istess haddiema. Iz-zminijiet ta' atteggjamenti ta' arroganza u bul-lijar kemm minn min ihaddem u kemm mir-rapprezentanti tal-haddiema ghaddew u ma humiex ta' ebda utilita' ghal hadd. Pajjizna jrid jikkoncentra l-isforzi ghall-izvilupp tieghu fuq rivoluzzjoni gdida u aktar impenjattiva ghall-forzi socjali u industrijali kollha, jigifieri l-htiega ta' stat ta' impenn fil-post tax-xoghol.

Fl-azjendi trid tidhol il-mentalita' tad-dmir universali mil-livelli kollha, tar-responsabbilita' mit-tmexxija tal-kumpanija sa l-inqas impjegat. Huma dawn id-denominaturi komuni li jridu jwasslu ghal din ir-rivoluzzjoni ta' impenn minn kulhadd lejn

.../6

l-efficjenza, il-profittabilita' u l-istabilita' tal-post tax-xoghol.

Il-kaz bejn in-Nazac u l-Union huwa l-antitesi ta' din ir-rivoluzzjoni pozittiva kemm mill-aspett tax-shareholder bhala tali u l-management tieghu, u kemm mill-aspett tal-Union.

7. AWARD

It-Tribunal Industrijali ghalhekk assuma l-funzjoni wkoll li jikkontribwixxi ghat-titjib generali ta' l-azjenda billi addotta kriterji ekwilibrati ta' soluzzjoni globali.

It-Tribunal Industrijali jordna li sa l-ewwel ta' Lulju, 1985 il-Kumpanija u l-Union jibdew jimxu fuq Procedura ta' Dixxiplina u ta' Lmenti kif tezisti fi ftehim industrijali f'kumpaniji industrijali ewlenin u skond l-istess procedura kif stabbilita fil-'model collective agreement' bejn l-Employers' Association u l-General Workers' Union. Din il-procedura trid twassal biex kull tilwima tigi rizolta b'konsultazzjoni u konciljazzjoni u tevita kull azzjoni arbitrarja miz-zewg nahat.

Iz-zewg haddiema Mazzelli u Micallef huma moralment hatja ta' hafna mill-akkuzi migjuba kontrihom, ghalkemm f'certi aspetti jibqghu hafna dubji dwar l-awtenticita' tal-fatti kif zviluppati. Il-Kumpanija qed tinghata l-opportunita' preciza li ttemm l-impieg taghhom it-tnejn jekk huma fil-gejjieni jergghu jwettqu offizi dixxiplinarji fosthom insubordinazzjoni, assenteizmu, glied, arroganza jew offizi gravi ohra. Fl-istess waqt, it-Tribunal direttament qed iwissi severament liz-zewg haddiema biex jibdew pagna gdida ta' xoghol u hidma onesta u leali. Qed jinghataw twissija ufficjali mit-Tribunal biex jinterpretaw din id-decizjoni mhux bhala xi rebha fuq haddiehor, izda bhala kontribut lill-azjenda kollha, f'rument meta dehru sintomi ta' titjib bilaterali, halli s-sitwazzjoni tigi salvata u possibilment imtejjba ghall-gid awtentiku ta' kulhadd.

T. PORTUGHESE
Chairman

P. CAMENZULI
Membru

A.E. GUILLAUMIER
Membru

Edwin Spiteri
Segretarju

Data: 8 ta' Mejju, 1985

ja